Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2003

Appell Civili Numru. 19/2001/1

**Jane Cini u Giuseppa Magri**

**vs**

**Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp u Anthony Ellul f'isem id-Dipartiment tat-Turizmu**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors ta' l-Appell ta' Joseph Magri, Maria Teresa mart Nazzareno Mallia, u Maria Roas mart Joseph Fenech, u l-avukat Dottor Joseph Sammut bhala prokuratur tal-assenti Salvatore Magri fil-kwalita taghhom ta' eredi tal-mejta Giuseppa Magri, tal-14 ta' Settembru 2001 a fol. 2 u 3 fejn gie premess:-

Illi bid-decizjoni tas-7 ta' Settembru, 2001, kopja ta' liema hi hawn annessa l-Onorabbli Bord ta' l-Appell dwar l-

Ippjannar cahad l-appell taghhom mill-ghoti tal-permess mill-Awtorita` lill-Dipartiment tat-Turizimu.

L-art fuq liema saret l-applikazzjoni tappartjeni lill-appellanti u kienet soggetta ghall-esproprjazzjoni li ngiebet fil-gazzetta tal-gvern. L-att ta' akkwist tal--appellanti qieghed jigi hawn ezibit u markat Dokument B. Huwa pacifiku, kif *del resto* anke jirrisulta mis-sottomissjoni ta' l-appellat, Ii fuq l-art in kwistjoni il-Gvern kien ghamel dikjarazzjoni ta' espropriju ghall-habta tal-1990. Din id-dikjarazzjoni qatt ma giet segwita la bil-procedura biex jigi determinat il-kumpens u lanqas bil-publikazzjoni tal-att ta' akkwist relattiv.

Id-decizjoni tat-Bord kienet Ii l-applikazzjoni tad-Dipartiment tat-Turizmu kienet wahda regolari billi kien gie notifikat biha, il-formula B, il-Kummissarju tal-Artijiet bhala sid ta' l-art in kwistjoni. Tali konkluzjoni hija wahda manifestament zbaljata fil-ligi billi l-pubblikazzjoni tad-dikjarazzjoni talPresident fil-Gazzetta tal-Gvern ma titrasferixx it-titolu ghall-art u l-art tibqa’ tas-sid originali taghha sakemm jsir l-att pubbliku ta' akkwist. Dan sal-lum ghadu ma sarx u ghalhekk il-konkluzjoni tal-Bord fir-rigward hija wahda zbaljata.

Kienet ukoll zbaljata fil-ligi d-decizjoni tal-Bord li huwa setgha jinjora l-materja ta' ksur ta' drittijiet fondamentali mqajma quddiemu. La darba tali kwistjoni qamet huwa kien tenut li jew jirreferi l-materja lill-Qorti kompetenti billi jaghmel riferenza jew, anke kieku stess kellu jiddeciedi li l-procedura ta' riferenza ma kienitx tapplika fil-kaz tieghu, kellu jissoprasjedi sa kemm il-materja tigi dibattuta fil-forum kompetenti. Certament ma setax jippretendi li l--ghola ligi tal-pajjiz ma kienitx tapplika ghalih u torbtu kif, *del resto*, jiddecied fis-sentenza tieghu.

Ghalhekk l-esponenti jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrevoka l-precitata decizjoni tas-7 ta' Settembru, 2001, fl-ismijiet premessi u b' hekk tiddeciedi adezivament mat-talbiet taghhom bl-ispejjez kontra l-appellata.

Rat id-dokumenti esebiti a fol 4 sa 17 tal-process;

Rat ir-rikors ta’ l-Appell ta' Jane Cini tal-14 ta’ Settembru 2001 a fol. 19 sa 23 fejn gie premess:-

1. Illi b'decizjoni tas-7 ta' Marzu (*recte* Settembru)**,** 2001, il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar fil-kaz fl-ismijiet "**Jane Cini u Giuseppa Magri vs. Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp u Anthony Ellul f’isem id-Dipartiment tat-Turizmu**" (ara Dok “JC 1” anness) iddecieda li jichad l-appell u jikkonferma r-rifjut tal-permess wara ghoti tal-permess ghall-izviluppp mahrug mill-Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp fl-20 ta' Ottubru, 1995, lid-Dipartiment tat-Turizmu ghal "*construction of underground visitors centre to house facilities indicated on drawings in lieu of existing building being used as a restaurant together with sub-station and septic tank f’Hagar Qim, limiti tal-Qrendi*";

2. Illi l-esponenti thossha aggravata minn din id-decizjoni u ghalhekk permezz tal-prezenti qed tinterponi umli appell mill-istess decizjoni quddiem din l-Onorabbli Qorti;

3. Illi l-ewwel aggravju huwa car u manifest ghaliex is-sentenza tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar ma tipprovdix konkluzjoni definittiva tal-mertu ta' l-appell in kwistjoni. Illi bir-rispett kollu, l-esponenti umilment tissottometti li dan l-aggravju fil-fatt jitratta punt ta' ligi deciz mill-Bord u f’dan il-kuntest taghmel referenza ghas-sentenza tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell bl-ismijiet **“Charles Casha vs. Awtorita` ta' l-Ippjanar”** (Appell Nru. 240 A/97, 6 ta' Mejju, 1998) fejn fl-istess sentenza l-Qorti ta' l-Appell accennat li jekk decizjoni tal-Bord ta' l-Appell ma tkunx cara u konsegwentement incerta fil-konkluzjonijiet taghha allura l-Qorti ta' l-Appell ghandha l-gurisdizzjoni li tirrevedi l-validita` ta' l-istess;

Illi l-esponenti interponiet l-appell quddiem il-Bord ta' l-Appell wara li kien inghata permess ghall-izvilupp mill-Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp fl-20 ta' Ottubru, 1995, lid-Dipartiment tat-Turizmu hekk kif permess.

Permezz ta' l-appell taghha l-esponenti talbet illi l-permess in kwistjoni jigi revokat ghal diversi ragunijiet.

Illi fil-fatt, fid-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar tas-7 ta' Settembru, 2001 dan testwalment iddecieda illi jichad l-appell u jikkonferma r-rifut tal--permess;

Illi, konsegwentement id-decizjoni appellata tippekka stante li hija kompletament priva minn element essenzjali ghaliex ghalkemm jidher li nghatat konkluzjoni din l-istess konkluzjoni tikkreja incertezza kbira fuq fil-fatt x'ser jigri mill-permess koncernat ghaliex il-Bord ma setghax jikkonferma rifjut li qatt ma ezista;

Illi l-**Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta l-artikolu 789** jipprovdi illi:

*“(1) L-eccezzjoni ta' nullita` ta' l-atti gudizzjarji tista’ tinghata:*

*(d) jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarita' essenzjali espressament mehtiega mill-ligi:*

*Izda dik l-eccezzjoni ta' nullita` kif mahsuba fil-paragrafi (a), (c), u (d) ta' dan is-subartikolu ma tkunx tista’ tinghata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistghu jissewwew taht kull disposizzjoni ohra tal-ligi'.*

Illi minhabba l-inkorrettezza tad-decizjoni l-esponenti qed issofri pregudizzju stante li d-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet rispettivi fil-kuntest tal-litigazzjoni ma gewx konkretati. Ghaldaqstant l-esponenti umilment tissottometti li l-kaz odjern jinkwadra ruhu fid-disposizzjoni tal-ligi hawn fuq ikkwotata b'konsegwenza li d-decizjoni appellata hija nulla u bla effett;

Illi wkoll, l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell, skond il-ligi, mhiex kompetenti li hi stess tissana din l-inkorretezza fid-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell b'hekk l-uniku soluzzjoni ghall-istess Qorti ta' l-Appell hija li tiddikjara n-nullita` tad-decizjoni tal-Bord;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-tieni aggravju huwa wkoll car u manifest ghaliex il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar fis-sentenza appellata ghamel enuncjazzjoni inkorretta tal-ligi meta ddecieda li "*huwa m'ghandux il-gurisdizzjoni li jinvestiga ksur tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem*". Illi skond gurisprudenza tal-istess Qorti ta' l-Appell kif ukoll tal-Qorti Kostituzzjonali fosthom is-sentenza fl-ismijiet **"Paul McKay vs. Kummissarju tal-Pulizija et"**. (Citazz. Nru. 500/95, 27 ta' Lulju,1995) u **"Edward Zahra vs. Awtorita` tal-Ippjanar"** (Applikazzjoni Nru. 641/98, 31 ta' Mejju, 1999) din l-Onorabbli Qorti tal-Appell ghandha l-kompetenza li titratta dan l-aggravju la darba dan il-punt ta' ligi gie fil-fatt diskuss u deciz mill-Bord;

F'dan il-kuntest l-esponenti umilment tissottometti li l-Bord ta' l-Appell ghandu skond il-ligi l-gurisidizzjoni li jinvestiga ksur tal-**Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem** u dan stante li:

*'Il-Bord ghandu, . . . il-funzjoni ta' review ta' decizjonijiet amministrattivi, u jispetta lilu allura li jipprovdi rimedju fejn tali decizjonijiet ikunu manifestament ingusti, diskriminatorji, jew addirittura irragjonevoli'* (**"Godfrey Cassar vs. Chairman ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar"**, Appell Nru. 130/94, 31 ta' Mejju, 1996);

IIli wkoll fis-sentenza fl-ismijiet ta' **"Michel Dingli vs. Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp"** (Appell Nru. 132/98, 6 ta' Ottubru, 2000) l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell iddikjarat illi l-legislatur fl-**artikolu 15 (1) (a) tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp (Att Nru. I, 1992)** ma mponiex limitu fuq il-gurisdizzjoni tal-Bord tal-Appell;

Illi l-esponenti umilment tissottometti li la darba l-legislatur ma mponiex limitu fuq il-gurisdizzjoni tal-Bord tal-Appell allura l-istess Bord ghandu gurisdizzjoni li jiddeciedi punti ta' ligi bhal ma huma allegazzjonijiet ta' ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem hekk kif enuncjati fil-Kostituzzjoni tal-Malta kif

ukoll fil-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u dan stante li numru ta' decizjonijiet tal-Qrati Civili kkonkludew li qabel ma persuna tirrikorri ghall-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) b'allegazzjonijiet ta' ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem fil-process ta' hrug ta' permess, dawn l-allegazzjonijiet ghandhom l-ewwel jigu nvestigati mill-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar bil-possibilta' wkoll ta' appell fil-Qorti ta' l-Appell (**"Paul McKay vs. Kummissarju tal-Pulizija et"**. - Citazz. Nru. 500/95, 27 ta' Lulju,1995; **"Charles Spiteri et. vs. Chairman tal-Awtorita` tal-Ippjanar"** - Applikazzjoni Nru. 488/94, 21 ta' Frar, 1996; **"Edward Zahra vs. Awtorita` ta' l-Ippjanar"** - Applikazzjoni Nru. 641/98, 31 ta' Mejju, 1999; **"Domenico Savio sive Savio Spiteri vs. Chairman tal-Awtorita` tal-Ippjanar u l-Avukat Generali"** - Applikazzjoni Nru. 645/98, 25 ta' Gunju, 1999).

Illi l-esponenti hija kostretta li tressaq dan l-aggravju quddiem din l-Onorabbli Qorti stante li jekk hija ma taghmilx hekk u tmur direttament quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) din tista' tigi dikjarata li ma ezawrietx il-mezzi kollha provduti lilha mill-ligi u dan in linja ma dak li jipprovdi l-**artikolu 469 A (4) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili, Kap. 12 tal-Ligijjiet ta' Malta;**

Ghaldaqstant, l-appellanti, filwaqt illi taghmel referenza ghall-provi gia' prodotti u tirriserva li ggib provi ohra skond il-ligi, titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell joghgobha, tiddikjara nulla d-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar tas-7 ta' Settembru, 2001, fil-kaz fl-ismjiet **"Jane Cini u Giuseppa Magri vs. Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp u Anthony Ellul f'isem id-Dipartiment tat-Turizmu"** (PAB 448/95 KA) u / jew fin-nuqqas tirrevoka, thassar u tannulla d-decizjoni appellata in kwantu cahdet l-appell u kkonfermat ir-rifjut tal-permess u tordna li l-process relattiv jintbaghat lura lill-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar sabiex dan jiddeciedi l-kwistjoni skond il-ligi.

Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellati.

Rat id-dokumenti esebiti a fol 24 sa 31 tal-process;

Rat ir-risposta ta' l-Awtorita` tal-Ippjanar u tad-Direttur tat-Turizmu tal-10 ta' Ottubru 2001 a fol 33 tal-process fejn inghad:

Illi permezz ta' decizjoni datata 7 ta' Settembru 2001, il-Bord tal-Appelli dwar l-Ippjanar, f'kawza bin-numru PAB 448/95 KA, ikkonferma decizjoni moghtija mill--Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp datata 7 ta' Marzu 2001 numru PA 5390/94, biex jinhareg permess lid-Dipartiment tat-Turizmu ghal progett ta' centru ta' visitaturi taht l-art fl-inhawi ta' Hagar Qim, limiti tal-Qrendi.

Illi l-esponenti jissottomettu li din id-decizjoni tal-Bord tal-Appelli hi gusta u timmerita konferma, u dan ghar-ragunijiet segwenti.

**L-ewwel aggravju - decizjoni nulla stante nuqqas ta' certezza**

Illi l-ewwel aggravju tal-appellanta Jane Cini jirrigwarda l-punt li fl-ahhar tad-decizjoni tal-Bord tal-Appelli, hemm kelma wahda li hija zbaljata, u li din, fl-opinjoni tal-appellanta ghandha twassal ghan-nullita` tad-decizjoni.

Illi bir-rispett kollu, l-esponenti jissottomettu li huwa car hafna li hemm zball ta' kelma wahda fl-ahhar sentenza tad-decizjoni tal-Bord. It-test tal-ahhar sentenza huwa:

*"Ghal dawn il-motivi, l-Bord jichad l-appell u jikkonferma r-rifjut tal-permess"*

Il-frazi *'l-Bord jichad l-appell'* turi l-fehma cara tal-Bord li jichad l-appell interpost fl-kelma *'jikkonferma'* flimkien mal-kelma '*permess'* tikkonsolida din il-fehma. Issa ladarba qatt ma kien hemm *'rifjut'* tal-permess izda biss *'hrug tal-permess'* allura huwa car li l-kelma rifjut hija zball tal-pinna. Fil-fatt l-iktar kliem importanti f'din l-ahhar sentenza

tal-Bord huma *'jichad l-appell'* u *'jikkonferma'*. Ir-rifjut jew il-hrug tal-permess jista' jkun ivverifikat mid-decizjoni tal-Kummissjoni li kien hemm appell interpost minnha. Ghalhekk jidher car li l-kelma *'rifjut'* hija sempliciment zball tal-pinna, li fih innifsu ma jwassalx ghan-nullita ghax jista' jigi kkorregut.

Illi anke kieku wiehed kellu jara l-konsiderazzjonijiet tal-Bord ukoll jasal ghall-istess konkluzjoni. Il-Bord fl-argumenti tieghu beda jiddibatti u jeghleb il-punti mqajma mill-appellanti u ghalhekk il-konkluzjoni tieghu kienet evidenti.

Illi din id-decizjoni ma tohloq l-ebda incertezza kbira, kif qed tallega l-appellanta, ghaliex minn semplici qari tad-decizjoni, wiehed jista' jasal ghall-konkluzjoni tal-Bord.

Illi l-appellanta tissottometti u tibbaza l-aggravju tan-nullita` tas-sentenza fuq l-**artiklu 789 tal-Kodici tal-Procedura u Organizzazzjoni Civili**. L-esponenti jissottomettu li l-**artiklu 789 tal-Kodici** ma japplikax ghall-aggravju tan-nullita` ta' decizjoni, imma biss ghan-nullita` tal-atti gudizzjarji. L-aggravju ta' nullita` ta' sentenza hu regolat specifikatament mill-**artiklu 790 tal-Kap 12** li jipprovdi f'liema kazi jista' jkun milqugh. L-**artiklu 790** jipprovdi li l-aggravju ta' nullita` ta' decizjoni ma jistax jintlaqa' kemm-il darba d-decizjoni hija sostanzjalment gusta. Jekk id-decizjoni hija sostanzjalment gusta imma ghandha difett fis-sens li:

- hemm in-nuqqas ta' gurisdizzjoni tat-tribunal, jew
- hemm in-nuqqas ta' citazzjoni, jew
- hemm l-illegittimita` ta' persuna, jew
- jekk it-tribunal tal-ewwel istanza ddecieda iktar jew inqas minn dak li kien mitlub, jew
- jekk hemm difett li minhabba fih il-partijiet ma nghatawx smiegh xieraq,

f'dawn il-kazi l-aggravju jista' jintlaqa', kemm-il darba naturalment tingieb il-prova mehtiega. Il-kaz odjern ma' jaqa' taht l-ebda wahda minn dawn il-punti, u wisq inqas jaqa' fil-kategorija ta' decizjonijiet ingusti. Dan hu jekk

wiehed ma jikkunsidrax il-fatt li stante li dan hu appell fuq punt ta' ligi peress li hu appell minn bord, l--eccezzjoni ta' nullita` ma tirrigwardahx ghaliex il-punt jekk decizjoni hix gusta jew le hu punt ta' mertu mhux ta' ligi.

Illi ladarba l-legislatur hass li ghandu jiddistingwi bejn il-punt ta' nullita` ta' atti gudizzjarju u punt ta' nullita` ta' decizjonijiet, dan ifisser li d-decizjonijiet mhumiex atti gudizzjarji u m'ghandhomx ikunu ttrattati l-istess. Ghalhekk l-**artiklu 789** ma japplikax f'dan il-kaz.

**It-tieni aggravju - Gurisdizzjoni tal-Bord fuq punt ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem**

Illi aggravju iehor tal-appellanta huwa fis-sens li l-Bord iddecieda hazin meta ddecieda li m'ghandux gurisdizzjoni biex jisma' u jiddeciedi dwar allegat ksur ta' drittijiet u libertajiet fundamentali tal-bniedem li johorgu mill-**Kostituzzjoni** jew mill-**Att XIV tal-1987**.

Illi l-punt jekk din il-Qorti ghandhiex gurisdizzjoni tikkunsidra l-punt jekk il-Bord iddecidiex tajjeb jew le meta ddecieda li m'ghandux gurisdizzjoni fuq il-punt ta' ksur ta' drittijiet, mhux qed ikun kontestat. Il-punt kontestat hu jekk il-Bord innifsu ddecidiex sew jew le.

Illi s-sentenza citata mill-appellanta fl-ismijiet **"Domenico Savio sive Savio Spiteri vs Chairman tal-Awtorita` tal-Ippjanar u l-Avukat Generali"** (Rik 645/98 GCD deciza 25 ta' Gunju 1999), il-Qorti Kostituzzjonali (Sede Appell) iddiskutiet il-punt ta' rimedji ohra qabel persuna tqajjem punt kostituzzjonali ta' ksur ta' drittijiet fundamentali. Dak li qed tissottometti l-appellanta fir-raba' pagna tar-rikors t'appell huwa li jehtieg li persuna tqajjem punt kostituzzjonali fit-tribunal fejn tkun, ghax inkella ma tkunx ezawriet il-mezzi kollha ghad-dispozizzjoni taghha. Dak li tipprovdi l-ligi fl-**artiklu 46 tal-Kostituzzjoni** u fl-**artiklu 4 tal-Kap 319** u li ddiskutiet il-Qorti huwa fis-sens li jekk ghall-aggravju tal-persuna jezisti rimedju iehor u mhux irrimedju kostituzzjonali, allura l-persuna jehtieg li tezawrixxi dak

ir-rimedju. Ghalhekk il-punt imqajjem f'din is-sentenza ma jippruvax dak li qed jissottomettu.

Illi l-appellanta tirreferi wkoll ghall-**artiklu 469A(4) tal-Kap 12.** L-esponenti jissottomettu li dan l-artiklu ma japplikax ghall-punt kostituzzjonali, izda japplika biss ghal proceduri ta' *judicial review* fejn ikun qed jigi mpunjat att amministrattiv. Ghalhekk l-**artiklu 469A (4)** ma japplikax ghall-kaz in ezami.

**It-tielet aggravju - is-sid tal-art**

Illi l-appellanta qajmet ukoll il-punt li l-procedua tal-applikazzjoni ghall-permess kienet zbaljata. Fir-rigward tal-applikazzjoni l-esponenti jissottomettu li l--applikazzoni saret mid-Dipartiment tat-Turizmu, izda fis-*certificate of ownership* is-sid kien dikjarat bhala l-Gvern ta' Malta. Ghalhekk l-allegazzjonijiet vantati mill--appellanta m'humiex verosimili.

Illi l-esponenti ghalhekk jissottomettu li d-decizjoni tal-Bord tal-Appell hija gusta u timmerita konferma.

**Appell Incidentali**

Illi l-esponenti jixtiequ jiprevalixxu ruhhom mill-appell interpost mill-appellanti w a tenur ta' l-**artikolu 240 tal-Kap. 12 tal- Ligijiet ta' Malta** qeghdin jinterponu appell incidentali mid-decizjoni tal-Bord ta' l-Appelli dwar l-ippjanar moghtija fl-ismijiet premessi fis-7 ta' Settembru 2001.

Illi l-aggravju ta' hu car u manifest stante illi l-Bord, kif jigi relevat mill-appellanta Jane Cini stess, fid-decizjoni tieghu, jidher li ha zball tal-pinna meta fid-decizjoni tieghu qal:

*"Ghal dawn il- motivi, l-Bord jichad l-appell u jikkonferma r-rifjut tal-permess".*

Meta fir-realta` il-Bord kellu jiddeciedi illi:

*"Ghal dawn il-motivi, l-Bord jichad l-appell u jikkonferma l- ghoti tal-permess".*

Mir-ragunament tal-Bord qabel ma wasal ghal tali decizjoni, jidher car li dan huwa zball genwin tal-pinna, liema zball, huwa rikonoxxut, li din l-Onorabbli Qorti ma tistax tikkoregieh. Pero` tali zball huwa wiehed sanabbli, u din l-Onorabbli Qorti ghandha tibghat l-atti lura lill-Bord ta' l-Appelli biex tkun tista' ssir id-debita korrezzjoni.

Ghaldaqstant, in vista tal- premess, l-esponenti bir-rispett kollu jitolbu li din l-Onorabbli Qorti ghandha tordna illi l-atti ta' l-istess proceduri jigu rinvijati quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar l-Ippjanar sabiex tkun tista' ssir id-debita korrezzjoni fid-decizjoni ta' l-appell numru PAB 448/95 KA fl-istess ismijiet.

Rat in-nota tas-Segretarju tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar datata 12 t'April 2002 fejn permezz taghha esebixxa *animo ritirandi* l-file tal-Bord ta' l-Appell fl-ismijiet "Jane Cini u Giuseppa Magri kontra Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp" deciz mill-istess Bord.

Rat il-verbali tal-15 ta' April 2002.

Rat in-nota tal-appellanti tas-16 ta' Mejju 2002 (fol 50 sa 54).

Rat il-verbal tas-27 ta' Mejju 2002.

Rat in-nota responsiva ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar ghan-nota ta' l-appellanta Jane Cini tat-28 ta' Mejju 2002 (fol 57 sa 62).

Rat il-verbal tat-28 ta' Ottubru 2002 fejn id-difensuri tal-partijiet prezenti rrimettew ruhhom ghan-noti rispettivi ta' sottomissjonijiet u talbu li l-appell jithalla ghas-sentenza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-24 ta' Marzu 2003, u tal-24 ta' Marzu 2003 fejn peress li l-Qorti kellha bzonn aktar zmien ghall-prolazzjoni tas-sentenza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta' Marzu 2003.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi l-ewwel din il-Qorti ser titratta l-appell interpost mill-appellanti Jane Cini fejn hija qed isostni li s-sentenza tal-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar hija nulla u bla effett ghaliex fil-konkluzjoni tieghu l-istess Bord halla incertezza kbira ghaliex sostna li *“jichad l-appell u jikkonferma r-rifjut tal-permess”.*

Illi minn ezami tal-istess decizjoni jidher li l-kelma *“rifjut”* kienet sempliciment *“typing error”* ghaliex mill-motivazzjoni tal-istess decizjoni jidher car li dak li kien qed jigi rifjutat u michud kien l-appell tal-istess rikorrenti l-appellanti odjerna, bil-konsegwenza li l-permess ghal l-izvilupp mahrug fl-20 ta’ Ottubru 1995 lill-appellat id-Direttur tat-Turizmu ghall-*“construction of underground visitors centre to house facilities indicated on drawings in lieu of existing builduing used as a restaurant together with the sub-station and septic tank”* f’Hagar Qim, limiti tal-Qrendi.

Illi fil-fatt l-istess sentenza giet motivata b’dan il-mod:-

*“Ikkonsidra ulterjorment:*

*“Illi mill-applikazzjoni numru PA 5390/94 jirrizulta li d-Dipartiment tal-Artijiet huwa s-sid ta’ l-art. B’hekk, stante li gie uzat c-certificate of ownership B, il-Bord huwa tal-fehma li l-procedura li ntuzat mill-applikant Dipartiment tat-Turizmu fl-applikazzjoni numru PA 5390/94 kienet dik korretta. Terga’ mid-dokument TD3 huwa jirrizulta li l-art in kwistjoni kienet giet esproprijata u b’hekk kollox sar skond il-ligi”.*

*“Dwar it-tieni paragrafu tan-nota ta’ l-appellanta l-Bord jinnota li huwa m’ghandux il-gurisdizzjoni li jinvestiga ksur tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet*

*tal-Bniedem. Tali gurisdizzjoni tezorbita lil hinn mill-kompetenza moghtija lil dan il-Bord skond il-ligi".*

*"Dwar il-punt li l-appellanta tista' titlef l-ghexien taghha, il-Bord jinnota li din ma hijiex planning issue u ghalhekk l-Awtorita` u l-Bord mhumiex tenuti li jikkonsidrawh";*

*"Dwar il-kwistjoni ta' l-iskedar jirrizulta minn dokumenti TD4 u TD5 illi s-sit li fuqu gie approvat l-izvilupp ma jifformax parti mill-proprjeta' skedata. B'hekk l-impediment li qed tirraviza l-appellanta fil-fatt ma jezistix".*

*"Fl-ahharnett, il-Bord jinnota wkoll li l-izvilupp approvat huwa ghal zvilupp taht l-art u ghalhekk mhux se jkun jidher peress li se jinbena taht l-art".*

Illi minn dan kollu ma jidher li hemm l-ebda dubju li l-lamentali u l-aggravji kollha tal-appellanti quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar kienu kollha michuda u ghalhekk fil-fatt l-istess appell taghha gie michud, u l-konsegwenza ta' hekk hija wahda u cjoe' li d-decizjoni tal-Awtorita` ta' l-Ippjanar dwar l-applikazzjoni ta' zvilupp giet kif qal l-istess Bord ta' l-Appell konfermata, u la darba din kienet milqugha, dak li gie konfermat huwa proprju l-hrug tal-permess, u huwa ovvja li l-kelma *"rifjut"* hija biss zball datilografu u xejn izjed, u jista' jigi rrimedjat, kif ser jinghad iktar il-quddiem. Mill-bqija ma hemm l-ebda dubji fuq l-ezitu tal-istess sentenza tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar.

Illi kwantu ghall-**artikolu 789 tal-Kap 12** dan jirreferi, kif *di piu`* l-istess artikolu jipprovdi specifikatament, ghall nullita` ta' l-atti gudizzjarji u mhux ghan-nulllita' ta' decizjonijiet tal-Qrati, wisq inqas tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar. Illi *se mai* l-artikolu relattiv huwa dak imsemmi mill-appellati u cjoe' **l-artikolu 790 tal-Kap 12** li jipprovdi li:-

*"Meta quddiem qorti fi grad ta' appell tingieb 'il quddiem eccezzjoni tan-nullita` tas-sentenza appellata, dik l-eccezzjoni ma ghandhiex tintlaqa' jekk is-sentenza tkun gusta fis-sostanza taghha, hlief jekk l-eccezzjoni tkun ibbazta fuq nuqqas ta' gurisdizzjoni jew fuq nuqqas ta'*

*citazzjoni, jew fuq illegittimita' ta' persuna jew fuq li s-sentenza ta' l-ewwel qorti hija extra petite jew ultra petite jew fuq kull difett iehor li jippregudika l-jedd ta' smiegh xieraq".*

Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti dan l-artikolu ma japplikax ghall-sentenzi tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar, *stante* li l-istess Bord ma huwiex Qorti *ai termini* tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u ghalhekk lanqas tali disposizzjonijiet ma japplikaw *ut sic* ghal tali decizjonijiet, pero` per analogija din il-Qorti thoss li ma hemm xejn sostanzjalment hazin fis-sentenza li hija, kif ser jinghad iktar il-quddiem sostanzjalment korretta fil-punti tad-dritt annunzjati minnha, w allura certament li ma hemmx lok li tali sentenza tigi annullata ghalkemm hemm lok li l-kelma zbaljta tigi korretta, *stante* li l-imsemmi zball kien biss wiehed tipografiku, u dan kif ser jigi provdut aktar il-quddiem.

Illi t-tieni lamentela tal-istess appellanti Jane Cini hija li meta l-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar iddeklina li jezercita l-gurisdizzjoni tieghu fuq il-punt kostituzzjonali imqajjem mill-appellanti, dan l-istess Bord zbalja ghaliex din il-Qorti tal-Appell presumibilment bhal Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar, ghandu din il-kompetenza ghaliex sostniet li l-**artikolu 15 (1) tal-Kap 356** ma impona l-ebda restrizzjoni fuq il-gurisdizzjoni tal-Bord ta' l-Appell.

Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti jidher car li l-istess appellanti ghandha l-idejat taghha zbaljati fuq dan il-punt *stante* li l-gurisdizzjoni u l-kompetenza dwar kawzi ta' allegazzjonijiet ta' ksur ta' drittijiet fondamentali protteti taht id-disposizzjonijiet tal-**artikoli 33 sa 45 tal-Kostizzjoni** u l-istess dwar il-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, hija skond l-**artikolu 46 (2) tal-Kap 1** u l-**artikolu 4 tal-Att XIV tal-1987 (Kap 319)** hija vestita fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-prim'istanza u fil-Qorti Kostituzzjonali fis-sekond'istanza u certament mhux f'din il-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) li kif inhi kostitwita tista' biss tisma' appelli mill-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar fuq punt ta' dritt skond il-ligi specjali tal-**Kap 356** u dan biss kif specifikat fl-**artikolu 15 (2) tal-istess.**

Illi l-kwistjoni ta' riferenza lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili mill-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar lanqas tqum fil-kaz odjern *stante* li huwa car mid-dispositiv tal-**artikolu 46 (3) tal-Kostituzzjoni** li tali riferenza tista' ssir biss *"f'xi qorti"* u certament li l-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar ma huwiex *'Qorti'* skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 95 u 99 tal-Kostituzzjoni** u wkoll skond id-disposizzjonijiet tal-**artikoli 31,33, 41, 45, u 47 tal-Kap 12 u artikoli 367, 436 u 497 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi dwar il-punt li l-istess appellanti qed issostni li hija qajmet din l-lanjanza kostituzzjonali ghaliex hija skond l-**artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni** ghandha l-obbligu li tezawrixxi r-rimedji ordinrji, dan huwa wkoll zbaljat, *stante* li dak li l-istess appellanti qed tattakka huwa l-validita` tat-titolu u tal-esproprijazzjoni *da parte* tal-Gvern tal-art *de quo,* ghaliex dawn qed icahduha mill-proprjeta` taghha, punt li kif gja inghad huwa ta' kompetenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili u tal-Qorti Kostituzzjonali u mhux ta' din il-Qorti u wisq inqas tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar u dan *stante* li l-kompetenza ta' dawn ta' l-ahhar hija limitata skond l-**Kap 356** ghal dak ta' *"funzjoni ta' review ta' decizjonijiet amministrattivi"* u certament mhux ghall-talbiet dwar il-lezjonijiet ta' drittijiet fondamentali. **("Godfrey Cassar vs Chairman ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar"** (A.C. 31 ta' Mejju 1996); **"Teddy Rapa vs Chairman ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar"** (A.C. 31 ta' Mejju 2000); **"Joseph Difesa vs Awtorita` ta' l-Ippjanar"** (A.C. 24 ta' Gunju 1998).

Illi jidher ukoll li l-appellanti fl-appell taghha irreferiet ghall-**artikolu 469A tal-Kap 12,** li jittratta dwar stharrig gudizzjarju ta' azzjoni amministrattiva, pero` f'dan il-kuntest jinghad li din il-Qorti ma ghandhiex din il-kompetenza li taghmel tali stharrig ghaliex l-ezami taghha huwa limitat biss ghal dak li jipprovdi l-**artikolu 15 (1) tal-Kap 356.**

Illi hawn il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **"Anthony Cuschieri vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (Q.A. (JSP) 30 ta' Marzu, 2001 -

App. Nru. 89/00) fejn intqal illi galadarba l-allegazzjoni kienet illi l-Bord agixxa *ultra vires*, allura din il-Qorti kellha u ghandha l-obbligu li tara jekk l-appell hux ammissibbli u jekk jirrizulta hekk, allura, din il-Qorti tghaddi biex tezamina l-meritu. Illi ntqal ukoll mill-istess Qorti ta' l-Appell, fl-imsemmija sentenza hawn appena citata illi:-

*"Din il-Qorti jidhrilha li l-kelma "appell" kif uzata fl-artikolu 15(2) ta' l-imsemmi Att ta' l-1992 ghandha sinifikat bizzejjed wiesgha li jista' jinkludi wkoll investigazzjoni dwar aggravju ta' "ultra vires".*

*Illi l-appellant ressaq konstatazzjoni ohra cioe` li, fil-fehma tieghu, din il-Qorti m'ghandhiex il-gurisdizzjoni li tiddeciedi dwar l-aggravju ta' l-"ultra vires" billi l-kwistjoni ma tkunx giet trattata u deciza fid-decizjoni appellata. Dan billi din il-Qorti ghandha l-gurisdizzjoni taghha limitata esklussivament ghal appelli li jinvolvu "biss punti ta' ligi decizi mill-Bord". L-appellat accenna ghall-gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti fejn dejjem gie ritenut li din il-Qorti ma ghandhiex il-kompetenza li tiddeciedi appell fuq punt ta' ligi meta dan il-punt ma jkunx gie trattat u deciz fid-decizjoni appellata".*

*"Illi jinghad ukoll, a skans ta' ekwivoci, illi minn qari akkurat tad-decizjoni appellata, il-punt legali imqajjem mill-Awtorita` appellanti ma giex espressament deciz. Izda din il-Qorti jidhrilha li, la l-Bord iddecieda kif iddecieda, bilfors li huwa deherlu li kellu d-dritt li jiddeciedi kif iddecieda – u li cioe` kellu l-gurisdizzjoni necessarja biex jemana d-decizjoni li ta, bil-modalitajiet kollha fiha espressi".*

*"Konsegwentement, <u>mid-decizjoni stess</u>, jista' jigi inferit jew dedott li l-Bord iddecieda u qata' li kellu l-"vires" necessarju biex jiddeciedi kif iddecieda. Din ma tistax ma titqiesx bhala decizjoni dwar punt legali, li issa qeghdha tigi kontestata f'dan l-appell mill-appellanti".*

Illi kif intqal fis-sentenza **"Franco Busuttil vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' L-Izvilupp"** (A.C.I. (RCP) 27 ta' Jannar 2003) *"fl-opinjoni ta' din il-Qorti, u din kif espressa wkoll fis-sentenzi **"Manwel Vella vs***

***Kummisjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp."*** *(A.C. (RCP) 18 ta' Ottubru 2002) dan kollu jrid jinqara fil-kuntest tal-* ***artikolu 15 (1) tal-Kap 356,*** *ghaliex din il-Qorti bhala Qorti tal-Appell taht l-istess Att, ghandha il-gurisdizzjoni limitata ghal dak li jipprovdi l-istess Att, u s'intendi l-kompetenza taghha hija hekk ristretta skond it-termini precizi tal-ligi. Certament ghalhekk li ma huwiex fil-kompetenza tal-Qorti kif kostitwita u bhala Qorti tat-tieni jekk mhux tielet istanza li tidhol fil-kamp ta' stharrig gudizzjarju ta' azzjoni amministrattiva, stante li dan huwa regolat b'regoli u disposizzjonijiet precizi li llum gew promulgati permezz tal-****artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta,*** *w in partikolari w in konsistenza mal-mertu tal-appell odjern, dan jirreferi wkoll ghall-kuncett ta' "meta eghmil amminstrattiv ikun ultra vires ghal xi raguni" imsemmija fl-****artikolu 469A (1) (b) tal-Kap 12.***

*Illi fil-kamp ta' l-istharrig gudizzjarju ta' azzjoni amministrattiva, li jaqa' taht l-istitut ta' ligi amministrattiva, l-kompetenza originali tispetta lill-Qrati Ordinarji, u l-kuncett ta' ultra vires, anke kif definit fl-artikolu fuq citat, huwa ferm iktar wiesgha minn applikazzjoni hazina jew non applikazzjoni ta' ligi, tant li jista' jikkomprendi, per ezempju, abbuz ta' setgha ta' Awtorita` pubblika, li fih innifsu ma jimportax ksur ad hoc jew per se ta' disposizzjoni ta' ligi 'ut sic'.*

*Illi kif gie riaffarmat fid-decizjoni* ***"Jason Zammit vs Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp)*** *(A.C. (RCP) 28 ta' Ottubru 2002) mela allura fil-kompetenza taghha bhala Qorti tal-Appell minn decizjoni tal-Bord tal-Appell ta' L-Ippjanar hija qatt ma tista' tigi mitluba sabiex taghmel dan l-ezercizzju ta' stharrig gudizzjarju ta' azzjoni amministrattiva, stante li dan l-istharrig fil-maggoranza tal-kazi jinkludi ezami kemm tal-fatti esposti fil-kaz in partikolari, kif wkoll tal-ligi applikabbli, u dan apparti li r-rimedji ghall-istess a differenza minn dak quddiem din il-Qorti huma wkoll ben differenti kif jista' jigi indikat bhala ezempju mill-****artikolu 469A (5)*** *li jikkontempla wkoll talbiet ta' danni, apparti n-nullita` tal-istess att amministrattiv.*

*Illi in vece f'din il-veste din il-Qorti qed tagixxi biss bhala Qorti tat-tieni istanza u anke l-ezami taghha huwa hekk limitat fid-disposizzjoni tal-**artikolu 15 (1) tal-Kap 356,** b'mod li hija tista' biss tezamina d-decizjoni tal-Bord tal-Appell ta' l-Ippjanar fuq punti ta' ligi decizi mill-Bord, b'dan ghalhekk li r-rikors lejn din il-Qorti taht il-**Kap 356** u l-azzjoni quddiem il-Qrati ordinrji taht id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 469A tal-Kap 12** huma ghal kollox differenti u distinti minn xulxin, u certament li wahda ma ghandha qatt telimina jew tissostwixxi ruhha ghal ohra, anke peress li z-zewg azzjonijiet, flimkien ma' ohrajn, huma disponibbli ghal kull persuna, kollox skond in-natura tal-lamentela jew aggravju taghha, skond ir-regoli rispettivi, inkluz procedura u principji sostantivi, u r-rimedji differenti li japplikaw ghal kull kaz in partikolari, li huwa impossibbli li jigu elenkati kollha f'din is-sentenza.*

*Illi ghalhekk dak li huwa ta' importanza massima ghal din il-vertenza huwa li l-kuncett ta'* ultra vires *huwa wiehed ta' applikazzjoni amministrattiva, u ghandu dejjem jingieb quddiem il-Qorti kompetenti, li ma hijiex din il-Qorti, skond ir-regoli u d-disposizzjonijiet tal-ligi applikabbli inkluz il-**Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta,** u ghalhekk insenjamenti tas-sentenza fuq citata ghandhom dejjem jinqraw f'dan il-kuntest.*

*Illi ghal dak li huwa stharrig gudizzjarju ta' eghmil amministrattiv wiehed jirreferi ghas-sentenzi fl-ismijiet **"John Lowell et nomine vs Dr. Carmelo Caruana nomine"** (P.A. (J.M.C.C.) 14 ta' Awissu 1972); **"Louis F. Cassar proprio et nomine vs Il-Prim Ministru et"** (P.A. V.B.C.) 20 ta' Lulju 1988); **"John Holland nomine vs Julian Schembri"** (A.C. (G.M.B. J.A.H. C.A.A) 20 ta' Mejju 2001); u **"Joseph Portelli vs Ministru tax-Xoghlijiet u Sport et"** (P.A. (G.M.A.) 15 ta' Marzu 1993) fost ohrajn.*

*Illi dan huwa konsistenti ma dak li inghad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha bhala Qorti tat-Tieni Istanza minn decizjoni tal-Qrati ordinrji fl-ismijiet **"John Cauchi vs Chairman tal-Awtorita` ta' L-Ippjanar"** (A.C. (J.S.P.) 5*

*ta’ Ottubru 2001 – Avviz Nru.250/97/MM (G) fejn inghad li:-*

*“Fil-fehma tal-Qorti ta' l-Appell l-**artikolu 469(A) tal-Kap.12,** biex jigi interpretat gustament, m'ghandux jinghata interpretazzjoni restrittiva. L-eskluzzjoni tal-gurisdizzjoni tal-Qorti biex tistharreg l-ghemil amministrattiv tkun gustifikata biss jekk il-Qorti tkun sodisfatta li fil-prattika persuna kellha rimedju effikaci u adegwat verament disponibbli ghaliha u hija irragonevolment ma tutilizzax tali proceduri disponibbli. Fil-kawza fuq imsemmija l-Qorti ta' l-Appell kienet cahdet eccezzjoni ta' nuqqas ta' gurisdizzjoni imqajma mill-Awtorità ta' l-Ippjanar u ordnat li l-atti jintbaghtu lura lill-ewwel Qorti sabiex il-kawza tkompli tinstemgha skond il-ligi.*

*Illi dan ma jfissirx li ma jistax ikun hemm kazi fejn il-fattispecie tal-kaz jkunu jaghtu azzjoni lil dak li jkun kemm taht id-disposizzjojnijiet tal-**artikolu 469A tal-Kap 12,** kif ukoll rimedju ta’ appell taht id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 15 (1) tal-Kap 356,** bhal fil-kaz meta l-ultra vires tkun tikkonsisti fl-allegazzjoni li punt ta’ dritt jew ligi gie applikat hazin, ghaliex Awtorita` koncernata tkun ghamlet xi haga kontra id-disposizzjonijiet tal-ligi, b’mod li agixxiet oltre l-poteri lilha moghtija bl-istess, u dan l-istess punt ta’ ligi ikun deciz fid-decizjoni tal-istess Awtorita`, pero` f’dan il-kaz l-ebda azzjoni ma toqtol jew tissostitwixxi lill-ohra, b’mod li jibqghu zewgt azzjonijiet distinti, trattati taht principji differenti, u f’fora distinti w indipendenti minn xulxin, bir-regoli taghhom precizi, li naturalment ma humiex l-istess”.*

Illi minn dan kollu johrog car li l-ezami li jrid issir taht l-**artikolu 469A** anke jekk ikun allegat li hemm ksur tal-Kostituzzjoni ma ghandu x’jaqsam xejn mal-azzjoni odjerna, li hija biss wahda ghall-hrug jew le ta’ permess ta’ zvilupp; d-dritt li qed tvanta r-rikorrenti huwa ben oltre, u l-allegazzjoni li hija qed tigi privata mid-dritt ta’ proprjeta’ taghha jew kwalunkwe dritt iehor, li mhux il-mertu ta’ dawn il-proceduri izda tali dritt jista’ biss jigi vantat fil-Qrati ordinrji; *di piu’* din il-kwistjoni odjerna lanqas ghandha

x’taqsam xejn mad-disposizzjoni tal-**artikolu 469 A (4) tal-Kap 16,** *stante* li r-rimedju li qed isemmi l-ligi u li qed tippretendi r-rikorrenti f’dan l-appell certament ma jistax jinghata minn din il-Qorti bhala Sede ta’ Appell minn decizjonijiet tal-Bord ta’ Appell dwar l-Ippjanar, u wisq inqas mill-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar, *stante* li d-decizjonijiet tal-istess jirreferu biss ghall-kwistjonijiet ta’ zvilupp u permessi relattivi u mhux fuq drittijiet ta’ proprjeta’ jew lezjoni tal-istess drittijiet, u allura certament li r-rimedju mitlub ma jistax jinghata minn din il-Qorti, izda biss mill-Qrati ordinrji f’kaz ta’ stharrig gudizzjarju ghall-eghmil amministrattiv u mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili u l-Qorti Kostituzzjonali f’kaz ta’ lanjanza kostituzzjonali dwar drittijiet fondamentali tal-bniedem. Fi kwalunkwe kaz la darba din il-Qorti fil-kompetenza taghha limitatissima ma tistax tipprovdi r-rimedju rikjest mir-rikorrenti, mela allura l-istess **artikolu 469A (4) tal-Kap 16** ma jista’ jkun qatt ostakolu ghal azzjoni taht id-disposizzjoni tal-istess **artikolu 469A.**

Illi s-sentenzi citati mill-istess partijiet f’dan l-appell fil-fatt jikkonfermaw dan pero` din il-Qorti zzid li fil-konsiderazzjoni ta’ ezawriment tar-rimedji qabel l-istanza kostituzzjonali, wiehed irid ihares dejjem jekk ir-rimedju jew ir-rikors lejn il-Qrati taht kompetenza normali jew kompetenza specjali bhal dan il-kaz jistax jkun effettiv li jilqa’ ghall-lamentela ta’ ksur tad-drittijiet tar-rikorrenti u jekk dan ma jkunx hekk effettiv, ghandu jittiehed li ma hemmx rimedji ohra x’jigu ezawriti.

Illi fl-ahharnett din il-Qorti tenfasiza li mir-rikors tar-rikorrenti Jane Cini jidher li hija qed thallat il-kuncett ta’ stharrig gudizzjarju ta’ eghmil amminsitrattiv anke fejn jista’ jigi allegat li dan sar kontra l-Kostituzzjoni u r-rikors ghall-allegat ksur ta’ wiehed jew izjed mid-drittijiet fundamentali taghha, li huma ben separati u distinti minn xulxin, tant li l-kuncett ta’ *“kontra l-Kostituzzjoni”* taht l-**artikolu 469 A tal-Kap 12** ma ghandu x’jaqsam xejn mal-azzjoni abbazi tal-**artikolu 46 tal-Kostituzzjoni jew l-artikolu 4 tal-Kap 319,** ghaliex f’materji ta’ ksur ta’ drittijiet fundamentali tal-Bniedem hija biss il-Prim’Awla tal-Qorti Civili u l-Qorti Kostituzzjonali li ghandhom

kompetenza esklussiva u l-ebda Qorti jew sede ohra, w allura l-konsiderazzjonijiet li jittiehdu bejn iz-zewgt azzjonijiet u ben distinti minn xulxin ghar-ragunijiet li legalment u kostituzzjonalment huma ovvji.

Illi ghalhekk l-appell tal-appellanti Jane Cini ghandu jigi michud.

Illi dwar l-appell ta' Joseph Magri et tal-14 ta' Settembru 2001 jidher li l-istess qed jibbaza l-appell tieghu fuq il-punt li huwa qed isostni li l-appellanti huma sid tal-istess art li fuqha inhareg il-permess *de quo* ghaliex ghalkemm l-istess Gvern ghamel id-dikjarazzjoni ta' esproprijazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern, din l-applikazzjoni qatt ma giet segwieta bil-proceduri ta' kumpens u lanqas bil-pubblikazzjoni tal-akkwist relattiv.

Illi l-Qorti f'dan ir-rigward taghmel riferenza ghall-**artikolu 9 tal-Kap 88** u wkoll ghall-**artikolu 12 (2) (3) tal-Kap 88** li jipprovdu li wara li ssir il-pubblikazzjoni tad-Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta li l-art hija mehtiega ghal skop pubbliku, b'effett minn erbatax il-gurnata mill-pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-Gvern, is-sid ta' l-art hekk indikata, jew minn jokupaha ghandu jaghti f'idejn l-Awtorita` kompetenti l-pussess taghha, u wara li jghaddi tali terminu l-Awtorita` komptenti ghandha dritt tidhol fuq l-art u tiehu pussess taghha u wkoll li *"taghmel jew tawtorizza lil xi hadd li jaghmel f'din l-art jew fuqha jew dwarha kull xoghol jew hag'ohra tkun li tkun li xi hadd li jkollu l-interess illimitat f'din l-art ikollu l-jedd li jaghmel bis-sahha ta' dak l-interess …..".*

Illi mela ghal fini ta' din il-procedura jidher car li tali pubblikazzjoni tad-dikjarazzjoni tal-President ta' Malta li l-istess art hija mehtiega ghal skop pubbliku fil-Gazzetta tal-Gvern, u wara it-terminu fuq imsemmi l-Kumissarju ta' l-Art bhala Awtorita` kompetenti huwa kkonsidrat bhala s-sid tal-istess art ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, fejn anke jinghata lilu l-pussess *ipso iure,* u din il-pubblikazzjoni jidher li saret kif jidher mid-Dokument "TD3" fil-*file* relattiv tal-Awtorita` ta' l-Ippjanar, li saret riferenza ghalih mid-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell dwar l-

Ippjanar u jidher li l-applikazzjonijiet ghall-istess zvilupp saru ghalhekk korrettament u skond il-ligi tal-Ippjanar, u ghalhekk anke dan l-aggravju tal-istess rikorrenti Joseph Magri et qed jigi michud *stante* li huwa nfondat legalment.

Illi dwar il-punt ta' riferenza ghall-lamentela ta' ksur ta' drittijiet fundamentali din il-Qorti tirreferi ghal dak li gja inghad iktar il-fuq fuq l-istess punt fuq ir-rikors tal-appellanti l-ohra Jane Cini, u ghalhekk anke l-appell tal-istess Joseph Magri et qed jigi respint.

Illi dwar l-appell incidentali tal-Awtorita` ta' l-Ippjanar u tad-Direttur tat-Turizmu dan qed jigi milqugh fis-sens li l-istess atti ghandhom jigu rinvjati lill-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar sabiex il-kelma *"r-rifjut"* fil-parti dispositiva tad-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell tas-7 ta' Settembru 2001 tigi mibdula u sostitwita bil-kelma "l-ghoti", *stante* li jidher li dan kien zball dattilografu.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' r-risposti ta' l-appell tal-appellati l-Awtorita` ta' l-Ippjanar u tad-Direttur tat-Turizmu, **tichad l-appell ta' Joseph Magri et maghmul permezz tar-rikors ta' l-appell tieghu datat 14 ta' Settembru 2001, u tichad l-appell ta' l-appellanti Jane Cini interpost permezz tar-rikors tal-appell taghha datat 14 ta' Settembru 2001** *stante* li huma legalment insostenibbli w infondati fil-fatt u fid-dritt, u minflok tikkonferma id-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar tas-7 ta' Settembru 2001 fl-ismijiet **"Jane Cini u Giuseppa Magri vs l-Kummmissjoni ghall-Kontrol ta' l-Izvilupp u Anthony Ellul f'isem id-Dipartiment tat-Turizmu,** b'dan pero` li l-parti dispositiva tal-istess decizjoni ghandha taqra *"ghal dawn il-motivi, il-Bord jichad l-appell u jikkonferma l-ghoti tal-permess"* minflok il-kliem *"ghal dawn il-motivi il-bord jichad l-appell u jikkonferma r-rifjut tal-permess"* u ghal dan l-iskop biss tirrinvija l-atti kollha processwali lill-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar

sabiex tkun tista' ssir id-debita korrezzjoni tal-istess appell numru PAB 448/95KA fl-ismijiet premessi.

Bl-ispejjez kollha ta' din id-decizjoni jinqassmu bin-nofs bejn l-appellanti Joseph Magri *et* minn naha l-wahda u l-appellanti Jane Cini min-naha ohra.

**Moqrija.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------